**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 4 ta' Ottubru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Supt. Ian J. Abdilla)**

**-vs-**

**Sarah Anne Gatt detentrici tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 463780M**

Kumpilazzjoni Nru. 438/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Sarah Ann Gatt, talli:

F' April 2014, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' James Cutajar, Graziella Cutajar, Christopher Gauci, Kathleen Briffa, Tatyana Farrugia, Alex Dutka, Bazalayev Vitaly, Kevin Crockford, Pavlo Lybaniev, Grace Mallia, Anna Sacco, Charles Sacco, Daniel Farrugia, Isabelle Mercieca, Andrew Aquilina, Rennie Bonnici, Stephen Bonnici, Clint Bonavia, Marisa Grech, Patrick Cutajar, Rundolph Guliano, Joseph Camenzuli, Carmela Cutajar, Yvonne Falzon, Sylvia Agius, Anna Galea, Cedric Cuschieri, Marica Bugeja, Mark Sant, Maureen Bezzina, Jason Calleja, Charlot Zammit, Brian Muscat, Dieter Ebejer, Henriette

Zarb, Anthony Cassar, Caroline Donavia, Mark Bonavia, Mark Cilia, Rachel Caruana, James Caruana, Noel Borg, Noel Mamo, Clint Agius, Marique Sciberras, Edward Vella, Patrick Custo, Julian Farrugia, Marthese Azzopardi, John Caruana, Chris Micallef, Jacqueline Cappitta, Gina Calleja, Marcell Spiteri, Doris Borg, Arielle Abdilla, Matthew Farrugia, Mark Azzopardi, Daniel Azzopardi, Simon Attard, Kevin Filetti, Jesmond Mifsud, Gilbert Micallef, Gilbert Galea, Shireburn Software Limited, Christian Briffa, Antoine Vella, Franco Vella, Jesmond Zerafa, Catherine Seisun, Mario Gauci, Rueben Mallia, Marco Zerafa, Natalie Zerafa, Mark Gauci, Vince Buhagiar, Jesmond Farrugia, Anne Marie Camilleri Podesta, Paul Xuereb, Mario Portelli, Stefan Mercieca, Rendy Balzan, Ruben Cassar, Raymond Chetcuti, Ryan Tufinio, Godwin Sciberras, Andrew Galea, Michalak Slawomir, Maruela Tirchette, Josephine Plumption, Owen Bugeja, Mario Galea, Walter Farrugia, Caroline Muscat, Luke Mathew Bugeja, u Victor Zammit;

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprjat ruha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' James Cutajar, Graziella Cutajar, Christopher Gauci, Kathleen Briffa, Tatyana Farrugia, Alex Dutka, Bazalayev Vitaly, Kevin Crockford, Pavlo Lybaniev, Grace Mallia, Anna Sacco, Charles Sacco, Daniel Farrugia, Isabelle Mercieca, Andrew Aquilina, Rennie Bonnici, Stephen Bonnici, Clint Bonavia, Marisa Grech, Patrick Cutajar, Rundolph Guliano, Joseph Camenzuli, Carmela Cutajar, Yvonne Falzon, Sylvia Agius, Anna Galea, Cedric Cuschieri, Marica Bugeja, Mark Sant, Maureen Bezzina, Jason Calleja, Charlot Zammit, Brian Muscat, Dieter Ebejer, Henriette Zarb, Anthony Cassar, Caroline Donavia, Mark Bonavia, Mark Cilia, Rachel Caruana, James Caruana, Noel Borg, Noel Mamo, Clint Agius, Marique Sciberras, Edward Vella, Patrick Custo, Julian Farrugia, Marthese Azzopardi, John Caruana, Chris Micallef, Jacqueline Cappitta, Gina Calleja, Marcell Spiteri, Doris Borg, Arielle Abdilla, Matthew Farrugia, Mark Azzopardi, Daniel Azzopardi, Simon Attard, Kevin Filetti, Jesmond Mifsud, Gilbert Micallef, Gilbert Galea, Shireburn Software Limited, Christian Briffa, Antoine Vella, Franco Vella, Jesmond Zerafa, Catherine Seisun, Mario Gauci, Rueben Mallia, Marco Zerafa, Natalie Zerafa, Mark Gauci, Vince Buhagiar, Jesmond Farrugia, Anne Marie Camilleri Podesta, Paul Xuereb, Mario Portelli, Stefan Mercieca, Rendy Balzan, Ruben Cassar, Raymond Chetcuti, Ryan Tufinio, Godwin Sciberras, Andrew Galea, Michalak Slawomir, Maruela Tirchette, Josephine Plumption, Owen Bugeja, Mario Galea, Walter Farrugia, Caroline Muscat, Luke Mathew Bugeja, u Victor Zammit; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lillu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

U aktar talli l-imputata **Sarah Ann Gatt**

a. saret recidiva a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

b. kif wkoll b'hekk, Sarah Ann Gatt wettqet reat fi zmien il-perjodu operrattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza kienet moghtija fl-14 ta' Novembru 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti hija giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-22 t'Awissu, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan kif mahsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 293, 294, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tas-26 ta' Settembru, 2016, mizmuma minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissieta b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hi nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-ewwel imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni rigwardanti approprijazzjoni indebita.

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

[1] Fol.163

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serjissima tar-reati li giet akkuzata bihom l-imputata, kif ukoll tal-fedina penali tal-imputata minn fejn jirrizulta li l-imputata kienet gja inghatat opportunitajiet biex tirriforma izda ghazlet li tippersisti fl-izball. Madanakollu jidher li llum il-gurnata qed taghmel l-allmu taghha sabiex issewwi il-hsara minnha maghmula lejn diversi persuni fejn qeghda tissokta bil-hidma taghha sabiex trodd lura dak li ghadu dovut lid-diversi partijiet lezi. Huwa biss sabiex ikun jista' jsir dan, u ghalhekk sabiex jigu rizarciti n-numru ta' persuni li fdaw flushom mal-akkuzata, li din il-Qorti ma thoss li ghandha timponi piena karcerarja effettiva. Certament li mill-Habs hlas ma jkunx jista' jsir lil dawn il-persuni u ghalhekk mhux ser tapplika l-artikolu 28B(1) tal-Kodici Kriminali. L-imputata izda ser tinghata l-opportunita` li bix-xoghol taghha terga' thallas lura dak dovut minnha u dan ser issir taht kundizzjonijiet stretti, fejn f'kaz ta' ksur tal-istess kundizzjonijiet, l-inkarcerazzjoni tal-imputata tavvera ruhha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata, wara li rat l-artikoli 17, 18, 28B(2)(b), 31, 49, 50, 293, 294 u 310(1)(a) ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront taghha, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggiha taht ordni ta' probation ghal tlett (3) snin millum.

Inoltre` qieghda testendi is-sentenza sospiza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Novembru, 2012[2] ta' sentejn prigunerija ghal erba snin ohra li jibdew jiddekorru mil-lum.

Wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hatja thallas dawk l-ammonti kollha dovuta lill-partijiet lezi u dana fi zmien erba snin ratejalment bl-ewwel pagament jsir dovut fl-ahhar ta' Ottubru, 2016.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**

---

[2] Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D.